*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,576, 19 ta' Frar, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 57 tal-2021**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
## (KAP. 318)

## Regolamenti tal-2021 dwar id-Dħul Pensjonabbli skont l-Iskeda Tlettax għall-persuni mwielda mill-1 ta' Jannar 1956 sal-31 ta' Diċembru 1961

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, bil-ftehim mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 dwar id-Dħul Pensjonabbli skont l-Iskeda Tlettax għall-persuni mwielda mill-1 ta' Jannar 1956 sal-31 ta' Diċembru 1961.

Ambitu.

**2.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għal persuni mwielda mill-1 ta' Jannar 1956 sal-31 ta' Diċembru 1961, u li huma mpjegati fis-settur privat jew jaħdmu għalihom infushom, u is-settur tal-impjieg tagħhom ġie milqut ħażin mil-pandemija tal-Covid-19 u li s-settur li jaħdmu fih ġie assistit mil-Malta Enterprise għall-iskopijiet tal-pandemija tal-Covid-19.

Paga jew salarju bażiku u dħul nett.

**3.** It-tibdil huwa dan li ġej:

(a) fil-każ ta' persuna mpjegata fejn il-paga jew is-salarju bażiku tas-sena 2020 għandhom ikunu ikkunsidrati għall-skopijiet ta' Dħul Pensjonabbli, u din il-paga jew is-salarju bażiku ta' bejn Jannar u Frar 2020 wara naqsu f'xi żmien fil-perjodu bejn Marzu u Diċembru 2020 minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-paga jew is-salarju bażiku ta' bejn Jannar u Frar 2020 għandhom jiġu annwalizzati u r-riżultat għandu jiġi meħud bħala l-paga jew is-salarju bażiku annwali għas-sena 2020 sħiħa għal skopijiet ta' Dħul Pensjonabbli;

(b) fil-każ ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha, fejn id-dħul nett tas-sena 2020 għandu jkun ikkunsidrat għal skopijiet ta' Dħul Pensjonabbli, u jekk dan id-dħul nett naqas fis-sena 2020 meta mqabbla mad-dħul nett tas-sena 2019 minħabba l-pandemija tal-Covid-19, id-dħul nett għas-sena 2020 għandu jiġi kkunsidrat ekwivalenti għad-dħul nett iddikjarat fis-sena 2019 għal skopijiet ta' Dħul Pensjonabbli.